**Ħsibt li waħdek sejjer il-ġenna**

Kont ferħan għaddej nitlob b'kuruna
Meta int kont inqlajt
Rajtek iswed iswed, kemm kont imdallam
Bilkemm bik indunajt.

Għaddejtlek kumment mill-aktar ħelu
Imma int ħadt għalik
Forsi ħsibt li jien bil-wisq aħjar minnek
Għidli ħi, x'inhu jtik?

U fajjartli bla ħniena id-daqqa
Ħsibt b'hekk ħa tithenna?
Għidtli b'leħen dak t'hemm isfel: "Ħsibt forsi
Waħdek sejjer 'l-ġenna?"

Ħassejtha d-daqqa tal-frosta tiegħek
Imxajtna mill-kbar nett
Emminni nifhmek għax wiċċek il-laskri
Imkerraħ w taż-żufjett.

Mhux hekk ħi, infetaħ għall-imħabba
Ħares 'l barra minnek
Taħseb li waħdek se tidħol il-ġenna?
Tidħol tibżax f'ħinek.

Mela ieqaf iġġudika lil ħuk
Idħol fik innifsek
U meta tkun imdejjaq oħroġ barra
B'hekk ma taqtax nifsek.

Tibżax, mhux waħdek ħa tmur il-ġenna
Miegħek se nkun hemm jien
Għax fuqi se jagħmillek dak l-eżami
Kun għaqli, tkunx għajjien.

U iwa, la d-diskors ġie se ngħidlek
Il-ġenna morru lkoll
Għax li jgħodd mhux il-ġudizzju tiegħek 'mma
T'Alla li l-qalb iħoll.

Issa qed nitlob għalik ħa tifraħ
W ma tibqax imdejjaq,
M'Alla wessa kemm tiflaħ dik il-komma
Tilgħabiex tad-dejjaq.

Se nħallik għax sarli l-ħin biss ngħidlek
Li f'qalbi inti hemm,

Għax meta se tindires mit-tbatija
Ħdejk jien se nkun fil-hemm.

Patri Mario Attard OFM Cap
6 ta' Novembru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.